**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tmienja (8) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 159/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Manuel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Manuel Camilleri**, iben Antonio Camilleri u Mary Rose nee Zerafa, imwieled Rabat, Għawdex fis-sittax (16) ta' Frar 2002 u residenti f' 44A, "Ave Maria", Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 4802(H) talli nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2003 għall-ħabta ta' nofsinhar neqsin għoxrin ta' filgħodu (11:40hrs) ġewwa Triq Taħt Putirja, Rabat, Għawdex:

(1) waqt li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Volkwagen Golf, bin-numru tar-registrazzjoni MAN-162, kif kien riesaq lejn post tal-qsim immarkat għall-użu min-nies bil-pass, naqas li jieqaf u jħalli lin-nies bil-pass jaqsmu;[1]

(2) saq vettura tal-għamla Volkswagen Golf, bin-numru tar-reġistrazzjon MAN-162 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;[2]

(3) waqt li kien qed isuq l- imsemmija vettura b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Michelle Gwendoline Zammit Spiteri detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 0080100(L), mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe' li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali).[3]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

---

[1] Regolament 89(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11;
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65;
[3] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024, il-Prosekuzzjoni, il-Parte Civile u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2023 il-Pulizija ġiet infurmata li kien seħħ inċident stradali fi Triq Putirjal, Rabat, Għawdex. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn quddiem il-ħanut Coffee Break sabu vettura wieqfa fuq zebra crossing bin-numru tar-reġistrazzjoni MAN 162 u persuna femminili fi stat ta' shock li kienet

qiegħda bil-qiegħda fuq siġġu. Din il-persuna ġiet identifikata bħala Michelle Zammit Spiteri. Hija qalet li kienet qed taqsam fuq iz-zebra crossing, ix-xufier tal-vettura saq ’l quddiem, laqatha, irriversja u kaxkarha lura miegħu. Ix-xufier tal-vettura in kwistjoni li ġie identifikat bħala Manuel Camilleri spjega li huwa kien qed isuq direzzjoni lejn Pjazza San Franħisk, waqaf fuq iz-zebra crossing biex jirriversja u jipparkja fil-ġenb. Huwa irriversja u ħass daqqa fuq wara. Huwa waqaf u marret waħda ħdejn il-bieba u bdiet tgħajjru miġnun u li ma jarax. Hi ma tagħtux ċans jitfi l-vettura għax tfithielu hi. Huwa ħareġ mill-vettura u qal lill-persuna jekk riedx li jeħodha l-Isptar. Hija rrifjutat u qaltlu li kienet sejra iċċempel hi lill-Ambulanza u lill-Pulizija. Hija għamlet it-telefonata, qasmet it-triq u marret bil-qiegħda fuq siġġu.

Ikkunsidrat;

### A. <u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9</u>

Il-Qorti sejra tibda billi qabel xejn tindirizza it-tielet akkuża. Biex tirriżulta din l-akkuża huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f’nuqqas ta’ ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta’ ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b’ness ta’ kawżalita’ mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun

hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[4]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech***[5] fejn il-Qorti irrimarkat is-segwenti:

> *"Kif jispjega il-ġurista Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta għal xi fini partikulari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni għal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jespletaw attivita partikulari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerta prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati. Jekk wieħed jabbina dak li jgħallem l-Archbold ma' dak illi qalet din is-sentenza l-attivita tal-appellat trid tkun b'tali mod illi fl-esperjenza tiegħu bħala persuna teknika kellhu jieħu ċerta prekawzjonijiet bl-għan li jevita*

[4] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[5] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 1998.

> *li l-interessi ta’ terzi jiġu preġudikati. Il-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet itteħdux jew jekk ittieħdu min kien li abbuża minnhom.”*

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

> *"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa’ ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*

Dan in linea mal-prinċipju li f’sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi.[6]

Il-Qorti trid tgħaddi issa biex tistabilixxi l-modalita dwar kif seħħ l-inċident. Dan biex jiġi stabbilit jekk l-akkużat involontarjament

[6] Ara f’dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.

ikkaġunax l-offiża fuq il-persuna tal-parte civile minħabba l-aġir tiegħu u jekk kriminalment għandux iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu.

Il-parte civile *a tempo vergine* spjegat li hija kienet qed taqsam it-triq minn fuq iz-zebra crossing, l-akkużat saq 'l quddiem, laqatha, irriversja u kaxkarha lura miegħu.[7] Meta imbagħad kienet qed tixhed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novemrbu 2023, tgħid li: *"kont ħa naqsam it-triq, fuq zebra crossing, u għaddiet din il-karozza u laqtitni mill-ġenb u waqajt lura."*[8] Fix-xhieda tagħha l-parte civile taqbel li l-vettura spiċċat fil-posizzjoni kif indikata fir-ritratt Dokument CG a fol. 39 tal-proċess. Meta ġiet mistoqsija jekk hija ħabtitx man-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa mill-akkużat għaliex kien hemm il-marka tal-idejn u ta' rasha fuq in-naħa ta' wara tal-vettura, ix-xhud wieġbet li ma setgħetx tgħid eżatt ma' liema parti tal-vettura ħabtet.[9] Fuq mistoqsija oħra tad-difiża jekk il-vettura laqtithiex qabel ma hija waslet fuq iz-zebra crossing, il-parte civile reġgħet qalet li ma tistax tgħid. Fuq suġġeriment tad-difiża li fil-verita hi u l-ħabiba tagħha ma kinux qegħdin jaqsmu minn fuq iz-zebra crossing iżda minn post ieħor, hija tgħid li ma tiftakarx.[10]

Sylvia Galea, li kienet qed taqsam it-triq mal-parte civile, tgħid li huma kienu qegħdin jaqsmu t-triq minn fuq iz-zebra crossing taħt Putirjal. Il-parte civile kienet quddiemha. Fil-pront għaddiet karozza u tajritha.

[7] Fol. 7 tal-proċess.
[8] Fol. 34 tal-proċess.
[9] Fol. 36 tal-proċess.
[10] Ara xhieda a fol. 37 tal-proċess.

Frances Zammit, ħabiba tal-parte civile, tgħid li hija ma ratx l-inċident isir. Tgħid biss li hija semgħet l-għajjat, daret u tara lill-parte civile fl-art. Ma kinitx fil-posizzjoni pero li tispjega jekk il-parte civile kinitx aktar lura miz-zebra crossing.

Min-naħa l-oħra l-akkużat kemm a *tempo vergine* kif wkoll meta ħa l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri jistqarr kif huwa kien qed isuq direzzjoni Pjazza San Franġisk, waqaf fuq iz-zebra crossing, beda jirriversja biex jipparkja fil-ġenb u ħass daqqa fuq wara. Fil-pront marret waħda tiġri fuqu u bdiet tgħajru li ma kienx qed jara u tfietlu l-vettura. Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-akkużat żied jgħid wkoll li huwa kien ħares mill-mirja qabel ma beda jirriversja. Din il-verżjoni hija pienament korraborata minn Greta Galea li kienet passiġġiera fl-istess vettura mal-akkużat.

Iż-żewġ partijiet qegħdin għalhekk jagħtu verżjonijiet kunflinġenti dwar kif seħħ l-inċident. Il-fatt li hemm dawn il-verżjonijiet kunflinġenti ma jfissirx li din il-Qorti għandha bil-fors tillibera; hija għandha tara liema verżjoni hija l-aktar kredibbli u imbagħad tislet il-konklużjonijiet tagħha abbażi tal-verżjoni l-aktar kredibbli.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda mogħtija miż-żewġ partijiet u tqis li hemm dubji serji rigward il-kredibbilita tal-verżjoni mogħtija mill-parte

civile dwar l-akkadut. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) *a tempo vergine* kif ġia senjalat, il-parte civile xehdet li hija kienet qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing, l-akkużat saq il-quddiem, laqatha, irriversja u kaxkarha lura miegħu. Li kieku dan kien minnu, żgur li dan kien iwassal għall-feriti konsiderevoli fuq il-persuna tal-parte civile. Din il-Qorti pero m'għandhiex evidenza tal-ġrieħi li soffriet il-parte civile: infatti la ġie preżentat iċ-ċertifikat mediku tal-ġrieħi u lanqas ma xehed it-tabib li ħareġ l-istess ċertifikat jew tal-anqas rappreżentant mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex biex jispjega l-ġrieħi li ġew konstatati. Hemm biss id-dikjarazzjoni tal-parte civile li hija soffriet *neck injuries*. Din il-Qorti hija konvinta li kieku l-inċident seħħ kif deskritt mill-parte civile *a tempo vergine*, il-ġrieħi kienu jkunu ta' entita aktar estensiva minn dawk li hija qalet li soffriet u l-parte civile ma kinitx tkun fil-posizzjoni li tqum mill-art, iċċempel lill-Pulizija u lill-Ambulanza hija stess, terġa' taqsam it-triq u tmur bil-qiegħda fuq siġġu tistenna lill-Pulizija u lill-Ambulanza jaslu.

(2) fid-deposizzjoni li tat il-parte civile f'dawn il-proċeduri, il-Qorti setgħet tinnota wkoll li kien hemm diversi diskrepanzi fix-xhieda tagħha jew affarijiet li ma jagħmlux sens:

- kuntrarjament għal dak li qalet lill-Pulizija *a tempo vergine*, il-parte civile tgħid biss li kienet qed taqsam it-triq fuq iz-zebra crossing, għaddiet il-vettura tal-akkużat, laqatitha mill-ġenb u hija waqgħet lura. Ma issemmi xejn li dan beda jirriversja u kaxkarha lura miegħu. Dawn ma kinux dettalji insinnifinkati li wieħed seta' faċilment jinsa. L-istess jingħad għax-xhud okulari Sylvia Galea. Meta l-istess Galea marret minn jeddha l-Għassa tal-Pulizija, hija tistqarr li hi flimkien mal-parte civile kienu qegħdin jaqsmu t-triq minn fuq iz-zebra crossing. Il-vettura tal-akkużat ma waqfitx, laqtet lill-parte civile, waqqgħetha mal-art u x'ħin laqtitha x-xufier kien sejjer jirriversja lura. Meta kien qed tixhed din l-istess xhud ma tgħid xejn li l-akkużat kien sejjer jirriversja. Tillimita ruħha biss biex tgħid li l-parte civile ittajret waqt li kienet qed taqsam fuq iz-zebra crossing.

- il-parte civile ma setgħetx tgħid ma' liema parti tal-vettura ħabtet. Jekk verament hija ittajret hekk kif kienet qed taqsam iz-zebra crossing hija bil-fors li kellha tintlaqat bil-parti ta' quddiem tal-vettura jew inkella mill-ġenb ta' quddiem tal-istess vettura. Ma kellu jkollha l-ebda diffikulta biex twieġeb tali mistoqsija abbażi ta' dak li stqarret hija stess;

- in kontro-eżami l-parte civile ma setgħetx tgħid jekk hija kinitx intlaqtet aktar qabel mal-vettura waslet fuq iz-zebra crossing. Jekk kif qalet tassew il-parte civile, hija kienet intlaqtet waqt li kienet qed taqsam fuq iz-zebra crossing hija kienet sempliċiment twieġeb li kienet intlaqtet fuq iz-zebra crossing! U mhux tistqarr li ma setgħetx tgħid jekk il-vettura kinitx laqtitha qabel l-istess vettura laħqet iz-zebra crossing!

(3) Frances Zammit li rat il-mumenti immedjati wara li kien seħħ l-inċident stradali ma setgħetx tiftakar dettal important u cioe fejn rat lill-parte civile fl-art vis-à-vis iz-zebra crossing;

(4) Fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura tal-akkużat ma kien hemm l-ebda sinjal li jindika li sar xi impatt ma' din il-parti tal-vettura. L-uniċi sinjali li kien hemm kienu fuq in-naħa ta' wara fejn kien hemm xi impronti fuq il-vettura li jissuġġerixxu li xi ħadd żamm mal-vettura. Infatti l-istess akkużat jgħid li huwa ħass daqqa minn wara tal-vettura waqt li huwa kien qed jirriversja.

(5) il-verżjoni li taw l-akkużat u x-xhud okulari li kienet miegħu fil-vettura kemm *a tempo vergine* kif wkoll meta xehdu quddiem din il-Qorti, kienet waħda konsistenti u li ma nbiddlitx fid-dettalji essenzjali tagħha. Fiż-żewġ okkażżjonijiet l-akkużat jistqarr kif huwa kien qed jirriversja u ħass daqqa fuq wara tal-vettura tiegħu

u waqaf. Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti speċifika li qabel ma rriversja, huwa kien ħares fil-mirja biex jara jekk kienx hemm xi ħadd warajh. Dan kollu ġie pienament korraborat mix-xhud okulari Greta Galea li kienet passiġġiera miegħu fil-vettura.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija konvinta li l-inċident stradali ma seħħx fuq iz-zebra crossing u dan kuntrarju għal dak li sostnew il-parte civile u x-xhud okulari li kienet magħha. Il-parte civile kienet qed taqsam aktar 'l isfel minn fuq iz-zebra crossing u intlaqtet bin-naħa ta' wara tal-vettura waqt li l-akkużat kien qed jirriversja l-vettura tiegħu. Il-parte civile tammetti li l-vettura spiċċat kif indikat fir-ritratt Dokument CG a fol. 39 tal-proċess. Minn dan ir-ritratt huwa ċar li l-vettura għandha biss il-parti ta' quddiem fuq iz-zebra crossing. Il-parti ta' wara ma kinitx qiegħda fuq iz-zebra crossing. Jekk allura hija intlaqtet bil-parti ta' wara tal-vettura u n-naħa ta' wara tal-vettura kienet qiegħda aktar 'l isfel miz-zebra crossing, huwa ovvju li l-parte civile ma kinitx qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing.

Huwa ċar għall-Qorti li l-parte civile qabdet u qasmet it-triq mingħajr ma tat każ li l-vettura tal-akkużat kienet qed tirriversja; x'aktarx li assumiet biss li l-vetturi setgħu kienu ġejjin biss min-naħa ta' Triq ir-Repubblika u qabdet u qasmet. Li kieku hija bdiet taqsam qabel mal-akkużat beda jirriversja, żgur li l-akkużat kien se jaraha minn xi waħda mill-mirja tiegħu. *Pedestrian* wkoll għandu l-obbligi tiegħu bħala utent tat-triq u jrid jara li bl-azzjonijiet tiegħu ma joħloqx emerġenzi subitaneji lis-

sewwieqa, kif sewwasew jidher li ġara f'dan il-każ. Għalhekk il-Qorti ma tarax li l-inċident seħħ tort tal-akkużat. L-akkużat ma kienx il-kawża prossima tal-akkadut; anzi l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod ta' kif l-akkużat kien qed isuq il-vettura tiegħu. Għalhekk din l-akkuża ma tirriżultax. Dan apparti l-fatt li l-atti huma neqsin għal kollox mill-provi dwar l-allegati ġrieħi ta' natura gravi sofferti mill-parte civile per konsegwenza ta' dan l-inċident.

### B. <u>L-Ewwel Akkuża – Regolament 89(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11</u>

Il-Qorti lanqas ma tista' issib ħtija f'din l-akkuża għas-sempliċi raġuni li kif senjalat ma jidhirx li l-parte civile kienet qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing iżda minn parti tat-triq li kienet tiġi qabel iz-zebra crossing. Allura l-akkużat ma jista' qatt jinstab ħati li huwa naqas li jieqaf u jħalli n-nies bil-pass li kienu qegħdin fuq il-post tal-qsim jaqsmu għax l-parte civile ma kinitx fil-post indikat. Dan apparti l-fatt li l-parte civile m'għaddietx minn quddiem il-vettura iżda minn warajha.

### C. <u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>

Kif ġia spjegat fid-dettal aktar kmieni f'din is-sentenza, din il-Qorti ma ssib xejn x'jiġi ċensurat fis-sewqan tal-akkużat. Mill-provi prodotti assolutament ma jirriżultawx il-kwalifiki ta' sewqan traskurat, bla kont jew perikoluż. L-akkużat waqaf mill-ewwel hekk kif ħass id-daqqa fuq

wara. Di piu wieħed mill-pedestrians irnexxielu huwa stess jitfi l-vettura tal-akkużat u dan mingħajr l-ebda diffikulta ta' xejn. Kif ġia ingħad l-inċident jidher li seħħ minħabba l-emerġenza subtaneja kaġunata mill-parte civile meta ħabta u sabta qasmet it-triq, mhux minn fuq zebra crossing u mingħajr ma tat każ jekk hija setgħetx taqsam it-triq mingħajr perikolu. Din l-akkuża għalhekk lanqas ma tista' tirriżulta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur